**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 289/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Lawrence Darmanin**

Illum, 06 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Lawrence Darmanin, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 434859(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-29 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta ta' 8:00hrs, ġewwa Ħal Qormi u f'dawn il-Gżejjer Maltin:

(1) Hedded lil martu Georgina Darmanin jew għamel theddid mhux imsemmi band'oħra fil-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-imputat Lawrence Darmanin ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu fejn konsegwentement u sabiex tinżamm ukoll l-ordni pubblika, rabtet u obbligat lil ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu illi ma jimmolestax, ma jiffastidjax u ma jdejjaqx lil Georgina Darmanin għal żmien tnax-il xahar u dan taħt penalli ta' elf Euro (€1000) fl-eventwalita' li hu ma josservax dawn l-ordnijiet fiż-żminijiet stipulati minn din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Lawrence Darmanin, ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar, tikkanċella u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Ġunju 2022, u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-uniku aggravju imqanqla mill-appellant idur madwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Għal dan il-għan, u sabiex tiġi mistħarrġa din il-lanjanza, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tqies jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi minn eżami tal-atti jemerġi xenarju ta' disgwid familjari bejn il-koppja Gauci li huma għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni, fejn għalkemm igħixu fl-istess residenza, madanakollu jabitaw f'sulari differenti tal-istess dar. Jidher illi fil-jum indikat fl-akkuża, inqala' disgwid bejn il-koppja fir-rigward ta' kont tat-taxxa li kien irċieva l-appellant u li skont stħarriġ minnu magħmul kien dovut in konnessjoni mal-introjtu tal-parti offiża, u għalhekk fil-fehma tiegħu kellu jiġi onerat minnha. L-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

appellant ikkonfronta lil martu sabiex hija tħallas dan il-kont, iżda meta din irrifjutat, l-appellant qalilha li kien ser jiddispjaċiha għal dan l-aġir tagħha, imbagħad aktar tard heddidha li kien ser jitfagħha il-ħabs jekk tibqa' ma tħallasx din il-pendenza. Issa l-Ewwel Qorti qieset illi t-theddida mill-appellant li kien ser jitfa' lil martu il-ħabs ma kenitx tali illi setgħat twassal għas-sanzjoni tal-liġi billi huwa kien qed jinfurmaha li jekk tippersisti u ma tħallas il-kont kienu ser jittieħdu passi legali kontra tagħha li setgħu iwassluha sabiex tispiċċa inkarċerata. Qieset madanakollu li il-kelma "jiddispjaċik" kienet issarraf f'theddida għall-inkoluminita' tal-parti offiża u kwindi għaddiet biex sabet ħtija fl-appellant.

L-appellant ħassu aggravat b'din l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti tad-diċitura adoperata minnu, billi fil-fehma tiegħu din il-kelma kienet marbuta mal-ħsieb minnu espress aktar tard meta qal lil martu illi hija kienet ser tiffaċċja s-sanzjoni tal-liġi jekk tibqa' tippersisti fl-aġir tagħha u ma tħallasx il-kont tat-taxxa. Dan id-diskors żgur li ma setax iqanqal it-turbament ikkontemplat fil-liġi, u dan b'mod oġġettiv.

Issa l-Ewwel Qorti, kuntrarjament għal din il-Qorti kellha ix-xorti tisma' u tara lill-ko-litigandi jiddeponu quddiemha sabiex b'hekk kienet f'posizzjoni aħjar tapplika dak dispost fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali meta ġiet biex twieżen il-kredibbilita' ta' dak dikjarat minn dawn iż-żewġ xhieda.

Issa l-Qorti, eżaminati d-deposizzjonijiet tal-koppja Darmanin u d-dokumenti l-oħra eżebiti in atti, tqies, bħall-Ewwel Qorti qabilha illi ma hemmx ness bejn il-kelma "jiddispaċik" u l-kliem l-ieħor adoperat mill-appellant meta informa lil martu li jekk ma tħallasx il-kont din kienet ser tispiċċa inkarċerata. Dan għaliex l-appellant kien indirizza lil martu bil-kelma 'jiddispaċik' fl-ewwel okkazzjoni meta ikkonfrontaha. Kien biss wara li kellu ripensament, wara li din injoratu u irrifjutat li tħallas, reġa ikkonfronta lil martu u infurmaha li kien ser jitfagħha il-ħabs jekk tippersisti u ma tħallasx dan il-kont. Illi fil-fatt wara l-ewwel diskors imlissen mill-appellant, il-parti offiża tgħid li ħassitha imbeżża' tant illi iddeċidiet tagħmel rapport lil pulizija u tallontana ruħha mid-dar matrimonjali.

Illi jiġi mfakkar li l-appellant jinsab mixli bl-akkuża ta' natura kontravvenzjonali meta huwa allegatament inġurja u/jew hedded lil parti leża. Jingħad minnufih illi l-element tat-theddid maħsub fl-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kodici Kriminali –

> **"tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent."[2]**

Illi huwa indubitat, kif ingħad illi l-kelma adoperata mill-appellant nisslet biża' fil-parti offiża dwar xi ħsara inġusta li setgħet tiġri lilha jew lil nies ta' madwarha, iktar u iktar għaliex hi tabita fl-istess dar mal-appellant, għalkemm f'sulari differenti. Illi mir-rapport imħejji mill-Aġenzija Appoġġ, eżebit in atti jirriżulta illi jeżisti oġġettivament ir-riskju ta' vjolenza, għalkemm mhux wieħed għoli, u dan ukoll abbażi ta' inċidenti li seħħew fil-passat bejn dawn il-konjuġi. Illi l-Qorti issibha kemmxejn diffiċli temmen lill-appellant meta dan igħid li indiriżża lil martu b'leħen kalm u mhux b'aggressivita' meta kien evidenti illi dan kien irrabjat meta irċeva f'ismu kont tat-taxxa f'ammont xejn negliġenti u li kien attribwibbli għall-introjtu ta' martu. Għaldaqstant, l-appellant m'għandux raġun f'dan l-aggravju minnu ntentat billi huwa indubitat illi l-aġir tiegħu nissel fil-kwerelant sens ta' biza, tant li ħasset il-ħtieġa li tirraporta l-akkadut lill-awtoritajiet kompetenti u li tallontana ruħa mid-dar matrimonjali għax beżgħet għall-inkoluminita' tagħha. Għaldaqstant dina l-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti li kienet korretta li ssib ħtija fir-rigward.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha biż-żmien mogħti għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali jibda jiddekorri mil-lum.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[2] Pulizija vs Joseph Frendo deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Lulju 1995.